# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Novembru 2017**

**Numru 6**

**Appell Ċivili Numru 682/2012/1 MCH**

**Josef Borg**

***v.***

**Awtorità għat-Trasport f'Malta**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju 2013, li ma qisitx it-talbiet tal-attur għax dehrilha illi "l-azzjoni kif impostata mhx proponibbli" billi l-attur kellu jmexxi b'azzjoni taħt l-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux b'azzjoni *ex delicto* kif kienet l-azzjoni proposta mill-attur.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: L-attur kien mgħarraf bil-miktub mill-awtorità konvenuta ["l-Awtorità"] illi biex jiġu reġistrati xi vetturi li hu

daħħal f'Malta kellhom jitħarsu xi kondizzjonijiet. L-attur għamel dak li kien meħtieġ biex jitħarsu dawk il-kondizzonijiet iżda minkejja dan l-Awtorità irrifjutat illi tirreġistra l-vetturi. Billi deherlu li l-għemil tal-Awtorità kien "abużiv u illegali" l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara l-awtorità intimata responsabbli għad-danni reali, u *cioè* telf ta' profitti, li sofra r-rikorrenti minħabba d-dewmien abbużiv u illegali da parti tagħha u dana *ai termini* tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u / jew taħt kull provvediment ieħor li din l-onorabbli qorti jidrilha li għandha timponi;
>
> »2. tillikwida l-imsemmi danni favur l-esponenti, bl-għajnuna ta' espert tekniku jekk ikun il-każ;
>
> »3. tordna l-awtorità intimata tħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.«

3. L-Awtorità ressqet l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi:

> »… … … l-attur kellu għad-dispożizzjoni tiegħu r-rimedji oħra legali opportuni iżda erronjament għażel li ma jużufruwix ruħu minnhom u għalhekk l-azzjoni odjerna la hija valida u wisq anqas l-azzjoni korretta u opportuna; u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż«

4. L-ewwel qorti laqgħet din l-eċċezzjoni, u għalhekk ma qisitx it-talbiet tal-attur, għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Din hi azzjoni għad-danni allegatament sofferti mill-attur u dan a bażi tal-artikolu 1031 tal-Kap. 16, *cioè* danni *ex delicto*, *cioè* danni kaġunati fejn ma jkunx hemm relazzjoni kuntrattwali pre-eżistenti.
>
> »L-awtorità tikkontendi li din l-azzjoni kif impostata mhix idonea għall-każ in eżami għax l-attur kellu rimedju ieħor li ma użufruwiex ruħu minnu.
>
> »… … ... fl-2009 kien hemm *policy* tad-dipartiment fejn kienu reġistrabbli biss vetturi tal-għamla *tail lift* li kienu ġodda. Id-dipartiment però kellu xi applikazzjonijiet pendenti ta' vetturi *second hand* li, *stante* din il-*policy*, ma kinux reġistrabbli. F'Marzu 2009 stess il-ministeru kien ħareġ direzzjoni fejn ikkonċeda li dawn l-applikazzjonijiet pendenti setgħu jiġu proċessati jekk jiġu ottemperati ċerti kundizzjonijiet u fil-fatt fis-6 ta' Marzu 2009 l-awtorità kitbet lill dawn l-applikanti biex jekk iridu jottemperaw mal-kundizzjonijiet hemm imsemmija u l-vettura tiġi reġistrata. Dan kellu jsir *entro* ġimgħa mid-data tal-ittra.
>
> »Jirriżulta illi l-applikanti aderew ruħhom ma din is-sejħa u l-attur mar għall-ispezzjoni tal-vettura tiegħu li però minħabba nuqqasijiet żgħar

ma għaddietx l-ispezzjoni liema talba però ġiet biss sospiża biex l-attur jottempera ruħu. Sadattant kienu ġew reġistrati tlieta mill-vetturi applikanti.

»Sfortunatament qabel ma l-vettura tal-applikant ġiet in regola ma' dak rikjest, b'direzzjoni ministerjali oħra fl-istess xahar ta' Marzu 2009 ġiet irtirata l-possibilità li jinħarġu l-liċenzji ta' dawk l-applikazzjonijiet pendenti għalkemm dawk li laħqu nħarġu baqgħu *in vigore*.

»… … ... l-attur pprotesta mill-ewwel b'ittra tat-3 ta' April 2009 għal din il-kontra-deċiżjoni però l-kwistjoni baqgħet tkarkar sal-2011 u kien wara deċiżjoni tal-*Ombudsman* illi l-awtorità fil-fatt ħarġet il-permess jew liċenzja lill-attur.

»L-attur fil-premessi tiegħu jikkwalifika l-aġir tal-awtorità tal-2009 fejn waqfet l-applikazzjoni tal-attur bħala waħda abużiva, illegali u diskriminatorja. Wara li nħareġ il-permess f!-2011, l-attur talab ir-risarċiment tad-danni u eventwalment ippreżenta din il-kawża.

»Kunsiderazzjonijiet

»Hu fatt illi min jagħmel il-kawża għandu d-dritt li jimpostaha kif jidhirlu hu. F'dan il-każ l-attur għażel li jistitwixxi kawża a bażi tal-artikolu ġenerali tad-danni *ex delicto*.

»… … …

»Illi huwa paċifiku fil-ġurisprudenza nostrana li n-natura ta' azzjoni ġudizzjarja tinsilet mill-premessi tal-att promotur u mit-talbiet dedotti fl-istess att, u mhux minn xi presuppost magħmul mill-konvenut … … …

»L-attur qed jikkontendi li hu għandu dritt li jitlob id-danni a bażi tal-liġi ġenerali u li ma hux marbut ma' xi proċedura oħra li tostakolah milli jaġixxi b'dan il-mod.

»Din il-qorti ma taqbilx mal-attur. Hi l-fehma tal-qorti illi l-proċeduri odjerni ma setgħu jinkwadraw ruħhom imkien ħlief fil-parametri tal-artikolu 469A. L-attur qed jippretendi li sofra danni minn deċiżjoni amministrattiva fil-konfront tiegħu. Dan hu evidenti minn eżami tal-premessi tar-rikors ġuramentat fejn qed jiġi allegat li hu ottempera ruħu ma' kundizzjonijiet għal għoti ta' liċenzja u li avolja għamel dak mitlub l-Awtorità tat-Trasport xorta rrifjutat li tirreġistra l-vettura tiegħu u b'hekk sofra danni minħabba l-aġir abbusiv u illegali tal-awtorità.

»Jirriżulta bħala fatt illi għalkemm l-attur ma kienx preċiż fil-fatti tal-premessi, irriżulta li fil-fatt b'direzzjoni ministerjali f'terminu qasir ta' ġranet irrevokat deċiżjoni amministrattiva li tagħti liċenzja lill-attur jekk jottempera ruħu ma' kundizzjonijiet magħmula mill-istess awtorità u dan, kif ingħad, fuq direzzjoni ministerjali.

»Il-qorti mhix ser tidħol fil-mertu tal-azzjoni amministrattiva meħuda u rrevokata però dak li jikkonċerna din il-kawża hu illi l-fatti li taw lok għal azzjoni tad-danni hi deċiżjoni amministrattiva li esponiet lil attur biex jinkorri danni.

»Biex wieħed jasal biex jikkunsidra jekk fil-fatt l-attur sofriex danni trid tittieħed deċiżjoni dwar ir-responsabiltà tal-awtorità fil-konfront tal-attur u għalhekk il-qorti trid tissindaka u tistħarreġ jekk l-aġir tal-awtorità kienx illegali, abużiv u diskriminatorju fil-konfront tal-attur u b'hekk jinsorġi d-dritt għad-danni u dan *ai termini* tal-artikolu 469A(1) tal-Kap. 12, liema artikolu hu dak idoneju biex jiġu trattati vertenzi ta' din in-

natura, u li fis-subartikolu 469A(5) jikkontempla d-dritt għad-danni li jistgħu jintalbu minn leżjoni magħmula minn awtorità pubblika kif inhi l-Awtorità tat-Trasport.

»Ir-responsabiltà tal-awtorità mhux fatt determinat iżda irid jiġi determinat billi tiġi mistħarrġa l-validità tal-għemil amministrattiv, liema għemil amministrattiv hu mfisser bħala rifjut għat-talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika kif seħħ f'dan il-każ għalkemm wara sentejn il-permess jew liċenzja ġie akkordat. Id-danni reklamati però qed jintalbu a bażi tal-ewwel rifjut u t-telf allegatament subit mill-attur sakemm inħarġet il-liċenzja.

»Il-fatt li ma hemmx talba għat-tħassir jew impunjazzjoni tal-għemil amministrattiv ma jfisser xejn għax is-sejbien ta' responsabiltà li jagħti lok għad-danni jista' jkun biss konsegwenza ta' stħarriġ dwar il-validità *o meno* tar-rifjut li jinħareġ permess jew liċenzja. Dan l-istħarriġ hu regolat biss bil-liġi speċjali tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

»Dan mhux att magħmul minn amministrazzjoni pubblika imma att amministrattiv magħmul minn awtorità pubblika konsistenti f'rifjut ta' ħruġ ta' liċenzja wara sejħa li ġiet irtirata unilateralment mill-awtorità u li minħabba f'dan l-aġir l-attur qed jallega li sofra danni.

»Għalhekk il-qorti hi tal-fehma illi l-azzjoni kif magħmula mhix proponibbli taħt il-liġi ġenerali tad-delitt iżda kellha tiġi proposta fil-qafas tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 (ara f'dan is-sens <u>Karmenu Mifsud *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta</u>**,** App Ċiv 30/05/2013).

»Ghalhekk il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-awtorità konvenuta li l-attur kellu rimedju ieħor disponibbli u kwindi kellu jaġixxi skond ir-rimedju disponibbli taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12, u billi l-attur aġixxa *ai termini* tal-artikoli tad-delitt fil-Kap. 16, tiddikjara li l-azzjoni kif imposta mhix proponibbli u tastjeni mill-tkompli tieħu konjizzjoni tal-kawża. Bl-ispejjeż ghall-attur.«

5. L-attur appella b'rikors tat-18 ta' Lulju 2013 li għalih l-Awtorità wieġbet fit-2 ta' Awissu 2013.

6. L-attur fisser hekk l-aggravju tal-appell tiegħu:

»Illi l-ewwel onorabbli qorti kienet legalment żbaljata meta bbażat id-deċiżjoni tagħha mhux fuq it-talbiet li għamel l-attur fir-rikors ġuramentat iżda fuq l-eċċezzjoni illi ingħatat mill-awtorità intimata kif ser jiġi spjegat. It-talbiet attriċi qatt ma kienu jinkwadraw f'talba lill-qorti li tiddikjara att amministrattiv null, invalidu jew mingħajr effett kif imsemmi fl-artikolu 469A li a bażi tiegħu t-talbiet attriċi ġew miċħuda. Imkien fit-talbiet ma qatt issemma illi qed jiġi impunjat att amministrattiv. Tant hu hekk illi lanqas kienet mitluba dikjarazzjoni mingħand l-ewwel onorabbli qorti u dana bi skop legali illi l-Awtorità għat-Trasport f'Malta kienet aġġixxiet skond dak imsemmi fis-sub-artikoli (a), (b)(i), (ii), (iii) u (iv) kif titlob espressament il-liġi meta wieħed jipproponi kawża taħt il-provvedimenti tal-artikolu 469A. Ir-raġuni għaliex il-kawża ma ġietx intavolata taħt l-artikolu 469A iżda taħt l-artikoli u l-prinċipji ġenerali tad-Dritt Ċivili għall-ksur ta' kuntratt u konsegwenti

danni li tkun issubiet dik il-persuna li ġiet milquta ħażin mill-ksur ta’ kuntratt billi meta l-att amministrattiv oriġinali kien wieħed fejn l-awtorità intimata kienet approvat diġà l-ħruġ tal-permess u bħala konsegwenza u bil-miktub indirizzat lis-soċjetà attriċi sabiex tagħmel xi alterazzjonijiet fil-*van* li dwaru kienet ġiet mitluba li toħroġ permess u liema permess l-awtorità kienet aċċettat li toħroġ però l-intimat kellu jeffettwa xi tibdiliet fil-*van* qabel il-permess ikun jista’ jiġi kkonfermat. Għaldaqstant mhux legalment sostenibbl fil-fehma tal-esponenti dak li a bażi tiegħu ġiet deċiża kif ġiet din il-kawża billi l-awtorità kienet diġà awtorizzat lill-attur, abbażi ta’ deċiżjoni li kienet ġà ħadet li toħroġ il-permess, biex jeffettwa dawn il-bidliet fil-*van*, u dan *entro* ċertu żmien. Meta s-soċjetà esponenti għamlet dak mitlub mill-awtorità abbażi tad-deċiżjoni li l-awtorità kienet ġia ħadet li toħroġ il-permess relattiv, l-awtorità għamlitha tal-*Pied Piper* ta’ Hamlet [*recte*, Hamelin] u qaltlu “ħeqq, il-ministru reġa’ bdielu”! Is-soċjetà attriċi wara illi l-awtorità bidlet fehemta u kisret il-ftehim li kien intlaħaq mill-ewwel irrejaġġixxiet u kemm permezz ta’ ittri kif ukoll ta’ *emails*, kif ukoll inkontri mal-ogħla uffiċjali tal-awtorità bl-isperanza illi dak illi ġiet imwiegħda mill-awtorità jseħħ u dawn l-inkontri u telefonati baqgħu għaddejjin għal ferm iktar minn sitt xhur imsemmija fl-artikolu 469A. *Di più* persuna oħra, li bħal dak li ġralha s-soċjetà appellanti kienet ġiet milgħuba mill-istess awtorità, kien fetaħ proċeduri quddiem l-*Ombudsman* fejn ilmenta b’dak li kienet wettqet kontra tiegħu l-awtorità bl-*Ombudsman* wara li, naturalment għadda ċertu tul ta’ żmien, iddeċieda favurih u kontra l-awtorità u allura kien in segwitu ta’ dik id-deċiżjoni tal-*Ombudsman* li mbagħad is-soċjetà attriċi rabbiet il-kuraġġ illi l-awtorità ma kinetx iżjed ogħla mil-liġi. Wieħed irid jiftakar illi l-ħuta żgħira qatt ma belgħat il-kbira u meta wkoll is-soċjetà attriċi illi topera negozju ta’ kiri tal-karozzi u ta’ vannijiet li l-permessi dwarhom kollha jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtorità appellata kellu għalfejn jibża’ u jibża’ bil-kbir illi jekk imexxi bil-qorti kontra l-awtorità meta magħha għadu jitkellem u jinnegozja biex din ma tibqax taġġixxi kif aġġixxiet, minflok imur aħjar seta’ faċilment jiġi iżjed ikkalpestat anke tenut kont tal-arroganza li bih kienet titmexxa l-awtorità f’dawk iż-żminijiet ħaġa din li ma hi l-ebda sigriet u *vox populi*.

»Meta wieħed jaqra akkuratament id-disposizzjonijiet tal-artikolu 469A, waħda, waħda, wieħed mill-ewwel jinnota illi l-liġi tat alternattiva jew triq oħra legali għal min ikun milqut minn xi deċiżjoni meħudha mill-gvern li jħoss illi tikser:

»(1) jew il-Kostituzzjoni,

»(2) jew hija *ultra vires* billi ħarġet minn awtorità li ma kellha l-ebda dritt timxi kif imxiet,

»(3) jew meta l-awtorità ma tkunx imxiet skond il-prinċipji ta’ ġustizzja naturali jew proċeduri mandatorji imposta fuqha,

»(4) jew meta tkun aġġixxiet b’abbuż tal-awtorità tagħha u għal għan-ijiet mhux xierqa jew abbażi ta’ kunsiderazzjonijiet mhux relevanti,

»(5) jew meta l-għemil amministrattiv imur b’mod ieħor kontra l-liġi.

»Minn dana kollu għandu jirriżulta illi kieku s-soċjetà esponenti intavolat it-talba tagħha fuq din il-kwistjoni abbażi tal-provvedimenti tal-artikolu 469A, kienet ċertament tiġi rinfaċċjata bil-possibilità jekk mhux anke probabbilità illi dik it-tip ta’ azzjoni ma kinetx l-azzjoni

idoneja fiċ-ċirkostanzi għax l-ebda waħda mill-provvedimenti tas-sub-artikoli 469A(i) (*a*) u (*b*) ma ġew miksura [*recte*, ebda wieħed mill-provvedimenti … ma ġie miksur].

»Għalhekk l-unika triq legalment korretta li kellha s-soċjetà esponenti kienet illi tfittex l-awtorità d-danni li hi subiet fuq ksur ta' kuntratt li ġie miftiehem bil-miktub u *cioè* skond il-prinċipju ta' offerta u aċċettazzjoni tal-istess kif isir f'kuntratt bilaterali bl-iskambjamenti ta' korrispondenza bejn l-awtorità u s-soċjetà appellanti. Meta wieħed jintrabat kuntratt-walment ma' ħaddieħor, tkun min tkun dik il-persuna, kemm jekk hiex gvern jew awtorità tal-gvern jew mhux, dik il-persuna jekk ma żżommx mal-kundizzjonijiet tal-ftehim tkun kisret dak il-ftehim u meta f'kuntratt bilaterali parti tikser l-obbligi tagħha taħt dak il-kuntratt u minħabba dak il-ksur dik il-parti li żammet mal-kuntratt tkun sofriet danni, l-unika azzjoni li l-liġi tagħti f'dawn iċ-ċirkostanzi hija dik ta' azzjoni tad-danni minħabba l-ksur … tal-kuntratt.

»Meta ġie fis-seħħ l-artikolu 469A dan ċertament sar mhux sabiex persuna li tkun sofriet id-danni tiġi kkalpestata u tittiħdilha d-drittijiet [*recte*, jitteħdulha d-drittijiet] li kellha qabel skond il-liġi ordinarja tal-pajjiż iżda biex l-istess persuna tiġi aġevolata u jkollha protezzjoni aħjar milli kellha qabel kontra minn hu b'saħħtu u għandu poter diskrezzjonali.

»Bis-sentenza mogħtija s-soċjetà attriċi li dejjem aġġixxiet *in buona fede* ġiet ikkastigata bla raġuni legali jew morali u min aġġixxa bl-iktar mod doluż u bi prepotenza liema bħalha – ħeqq, għax hekk deherlu l-ministru – ġiet mogħtija rigal sbejjaħ talli weġġgħat liż-żgħir! *Inoltre* kif setgħat is-soċjetà appellanti, meta wara li l-awtorità marret lura minn kelmitha u mill-kuntratt li kienet daħlet fih magħha, taqbad u tfajjar kawża kontra l-awtorità meta baqgħat dejjem u b'mod insistenti tikteb u tkellem lill-istess awtorità li anke permezz tal-ogħla uffiċjal tagħha ċ-*chairman*, li xehed f'dawn il-proċeduri, ikkonferma magħha stess illi kellha raġun biex tbigħ iżda l-awtorità ma setgħat tagħmel xejn għax il-ministru jikkmanda u hi ma tistax ma timxix skond id-*diktat* tal-ministru. Ara f'liema stat patetiku kienet teżisti l-Awtorità għat-Trasport f'Malta f'dak iż-żmien meta, bl-indipendenza kollha li suppost għandha awto-rità li suppost għandha dejjem taġġixxi skond il-liġi u *in buona fede*, bil-ġustizzja u bl-ekwità u mingħajr indħil ta' ħadd, ikollha tammetti kif għamlet kemm quddiem is-soċjetà appellanti kif ukoll quddiem il-konsulent legali tagħha u żewġ uffiċjali għolja oħra tal-istess awtorità li l-bdil tad-deċiżjoni diġà meħudha biex jinħareġ il-permess kienet deċiżjoni ħażina u li għalkemm huma ma kinux jaqblu magħha ma setgħux imorru kontra l-ordni tal-ministru; … … …

»Fl-aħħarnett is-sub-artikolu 4 tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax ma jitkellimx b'mod iżjed ċar li l-provvedimenti tal-istess artikolu mhumiex perentorji fis-sens illi wieħed jista' biss jaġixxi legalment taħt l-artikolu iżda fejn jista' permess tad-drittijiet lilu mogħtija b'liġi oħra allura l-provvedimenti tal-istess artikolu m'għand-homx japplikaw.«

7. Il-qorti ma tistax ma tibdiex billi tinnota illi, filwaqt illi fir-rikors maħluf jingħad illi qegħdin jintalbu d-danni "*ai termini* tal-artikoli 1031 u 1032

tal-Kap. 16", artikoli li nsibuhom fis-Sub-titolu tal-Kodiċi Ċivili *Fuq id-Delitti u Kważi-Delitti*, fir-rikors tal-appell jingħad illi l-azzjoni saret "taħt l-artikoli u l-prinċipji ġenerali tad-Dritt Ċivili għall-ksur ta' kuntratt". Ladarba iżda l-azzjoni nbdiet bħala waħda *ex delicto* ma tistax issa, f'dan l-istadju, tinbidel għal waħda *ex contractu*.

8. It-talba tal-attur għalhekk għandha titqies bħala waħda biex l-Awtorità tiġi mġiegħla tagħmel tajjeb għall-ħsara li ġrat bi ħtija tagħha (art. 1031 Kod. Ċiv.) u din il-ħtija hija n-nuqqas tal-Awtorità li timxi bil-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja (art. 1032). Sewwa għalhekk qalet l-ewwel qorti illi l-attur qiegħed effettivament igħid illi l-Awtorità hija ħatja ta' għemil ħażin, u, billi l-għemil tal-Awtorità huwa għemil amministrattiv, l-azzjoni hija regolata bl-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax waħda mill-premessi tal-azzjoni hija, appuntu, li kien hemm għemil amministrattiv ħażin. Il-fatt waħdu li l-għemil tal-Awtorità tħassar ma jfissirx bilfors li tħassar għax kien ħażin: dik hija prova li trid issir biex tirnexxi l-azzjoni tallum:

> »… … … is-sejbien ta' responsabilità jista' jkun biss konsegwenza ta' stħarriġ dwar jekk ir-rifjut tal-awtorità kienx validu jew le. Il-fatt illi l-attur illum ma jeħtiġlux jitlob it-tħassir tar-rifjut tal-awtorità, għax il-permessi nħarġu b'konsegwenza tal-liberalizzazzjoni tas-suq, ma jfissirx illi ma jibqax meħtieġ li jsir stħarriġ tal-validità tar-rifjut biex jiġi determinat kienx għemil tajjeb jew le.«[1]

9. Dan iżda ma jfissirx illi, kif qalet l-ewwel qorti, l-azzjoni saret ħażin għax ma saritx taħt l-art. 469A; mhux bilfors irid jissemma l-artikolu fir-rikors maħluf biex l-azzjoni titqies magħmula taħtu, u ma huwiex

[1] Karmenu Mifsud *v.* Awtorità għat-Trasport f'Malta, App. 30 ta' Mejju 2013.

inkompatibbli mal-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi jissemmew ukoll l-artt. 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili għax biex tirnexxi azzjoni għad-danni minħabba għemil ħażin mhux biżżejjed il-prova tal-għemil ħażin iżda tibqa' meħtieġa wkoll il-prova tal-elementi l-oħra kollha ta' azzjoni għad-danni, *e.g.* in-ness ta' kawżalità, li huma regolati bid-disposizzjonijiet dwar deliotti u kważi-delitti. Il-fatt illi d-delitt jew kważi-delitt ikun għemil amministrattiv ma jfissirx li ma jibqax ukoll delitt jew kważi-delitt, kif wara kollox igħid espressament l-art. 469A(5).

10. L-azzjoni għalhekk tibqa' regolata kemm bl-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u kemm bl-artt. 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk id-deċiżjoni tal-ewwel qorti illi "l-azzjoni kif impostata mhix proponibbli" hija ħażina.

11. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

12. L-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, tħallashom l-awtorità konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb